**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 166/2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Belagacem Merabet**
**(Numru tal-Pulizija 17VA-038)**

**Illum, 19 ta' Frar 2018**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Belagacem Merabet ta' 38 sena, iben Larbi u Kadija, imwieled l-Algerija nhar il-11 ta' Novembru 1979 u joqghod Block E, Flat 9, Triq Halib it-Tajr, Santa Lucia, detentur tan-numru tal-Pulizija 17VA-038;

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-13 ta' Dicembru 2017:

1) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a)

tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

4) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotoprika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

5) Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club* jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

6) Talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Onor. Imhallef Galea Debono nhar is-17 ta' Mejju 2007, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini

Perikoluzi (Kap. 101), kif ukoll l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'Jaqsmu Maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni huwa rega' kkonfermaha wara li l-Qorti, ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' dawn l-istess imputazzjonijiet.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi f'dan il-kaz, l-ammissjoni tal-imputat ma jistax jinghad li kienet wahda bikrija, tant illi kienu nstemghu diversi xhieda tal-Prosekuzzjoni meta l-imputat irregistra l-ammissjoni tieghu, apparti li l-imputat inqabad *in flagrante* fil-pussess ta' diversi sustanzi. Qieset ukoll ic-cirkostanzi tal-kaz, in-natura serja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'mod partikolari illi mill-atti jirrizulta illi l-imputat instab fil-pussess ta' ghoxrin pakkett kontenenti pjanta tal-*cannabis* li, skont il-Prosekuzzjoni, kellhom piz ta' cirka 10 grammi, erbatax-il stikka raza tal-*cannabis* li kellhom piz ta' cirka 7 grammi, tmien pakketti bil-kokaina, li kellhom piz ta' cirka 2.4 grammi u ghoxrin pillola *ecstasy*.

Qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat, mil-liema jirrizulta illi huwa nstab hati *inter alia* talli harab mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u hsara volontarja, kif ukoll dwar reati ta' assocjazzjoni ma' terzi persuni ai termini tal-Artikolu 22(1)(f) tal-Kap. 101, traffikar u pussess aggravat ta' droga eroina, dwar liema reati, fis-sena 2007, huwa gie kkundannat ghal erbatax-il sena prigunerija effettiva u multa ta' ghoxrin elf liri Maltin. Qieset ukoll illi l-imputat huwa recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, apparti illi din mhux l-ewwel darba li l-istess imputat qed jinstab hati ta' reati simili ghal dawk li dwarhom qed jinstab hati permezz ta' din is-sentenza.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) u (f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tal-ewwel erba' imputazzjonijiet, kif ukoll, fid-dawl tal-hames imputazzjoni li tikkontempla l-aggravju tad-distanza, iz-zieda fil-piena bi grad ai termini tat-tieni proviso tal-artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u z-zieda fil-piena bi grad skont l-Artikolu 50 tal-Kap. 9.

Ghalkemm il-partijiet issuggerrew lill-Qorti, matul it-trattazzjoni dwar il-piena, li piena ta' tmintax-il xahar prigunerija effettiva ghandha tkun idonea fic-cirkostanzi tal-kaz, biss apparti illi l-Qorti hija prekluza milli tiehu konjizzjoni ta' xi ftehim informali li jsehh bejn il-partijiet dwar piena, ai termini tal-Artikolu 392A(6) tal-Kap. 9, la darba tali ftehim ma jkunx sehh skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 392A(5) tal-istess Kapitolu, fi kwalunkwe kaz il-piena hekk suggerita hija inqas mill-minimu stabbilit mil-ligi, la darba l-Qorti qeghda tapplika z-zieda bi grad ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9.

Stante illi l-Qorti ma tqisx li mill-atti probatorji, jirrizultaw provi fil-grad rikjest mil-ligi illi l-flus kontanti misjuba fil-pussess tal-imputat u esebiti f'dawn il-proceduri, kienu derivanti mill-bejgh tad-droga, m'hijiex tordna l-konfiska tal-istess.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsima IV u VI, l-Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u t-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) u t-tieni proviso tal-Artikolu 120A(2)(b) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985 u l-Artikoli 17(b), (f), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghall-piena ta' tlieta u ghoxrin (23) xahar prigunerija effettiva – li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-hati nzamm taht arrest preventiv in konnessjoni biss mar-reati li taghhom qed jinstab hati permezz ta' din is-sentenza – u multa ta' elfejn ewro (€2,000).

Stante li ma gewx mahtura esperti f'dawn il-proceduri, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ghall-hlas tal-ispejjez ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna r-rilaxx tas-somma ta' mija u seba' ewro u sittin centezmu (€107.60), esebita bhala Dokument NS 7, favur il-hati.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dokument NS 8, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat